# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 24 ta' April 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Danut Vanaga**
**Victor Gheorghita Mihalache**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Mihalache Victor Gherogita** ta' 27 sena iben Vanagagheorge u Rugina Simina, mwieled gewwa Rumanija fis-16 ta' Gunju, 1988 u residenti fil-fond numru 29, 'Maroushka Flat 1, Triq il-Gdida, Qormi, kif ukoll f'Satbadeana Comunatutoua, Rumanija, u detentur tal-karta ta' l-identita' Rumena numru 732349; u

**Vanaga Danut** ta' 21 sena, iben Vanagagheorge u Rugina Simina, mwieled gewwa Rumanija fl-14 ta' Marzu, 1995 u residenti fil-fond numru 29, 'Maroushka Flat 1, Triq il-Gdida, Qormi, kif ukoll f'Satbadeana Comunatutoua, Rumanija, u detentur tal-karta ta' l-identita' Rumena numru 699370.

Akuzati talli nhar it-23 ta' April, 2016, ghall-habta tal-hamsa u kwart ta' filghodu, fil-Hamrun:

1. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DBS-049, kif ukoll vettura tal-ghamla Ford bin-numru ta' regsitrazzjoni DGV-037, liema hsara li komplessivament ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2,500) izda izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250) li saret ghad-dannu ta' Jason Aquilina min-Naxxar kif ukoll ghad-dannu ta' Emanuel Aquilina mill-Hamrun;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqsu li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulziija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

3. U aktar talli fl-sitess data, lok, hin u cirkostanzi ghad illi kienu xurbana qalu fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamlu atti jew gesti oxxeni jew b'xi modiehor offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kissru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. U aktar talli fl-sitess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma darbu jew sawtu hebbew ghal Abigail Aquilina u ghal James Attard;

6. U aktar talli fl-istess data, hin lok, u cirkostanzi hebbew ghal Lee Gellel u kkagunawlu offiza ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr Marcel Schembri M.D. Med. Reg 1460 mill-klinika tal-Floriana;

7. U aktar talli f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instabu fis-sakra b'mod li ma kienux jsitghu jiehdu hsieb taghhom infushom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi piena stabbilita skond il-ligi, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza cioe' Abigail Aquilina, James Attard u Lee Gellel, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' u vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ikkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illil-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 221, 325(1)(b), 338(bb)(dd)(ee)(ff) u 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq amissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta' sentejn (2); in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 qed tordna lil kull wiehed mill-imputati biex fi zmien jumejn jhallas lill-parte leza is-somma ta' mija erbgha u disghin Eurio (€194).

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sena u jekk ma joqghodux ghall-ordni lilhom mghoti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**